KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

April 30, 2024

# Rapport Amministrattiv għas-sena 2023

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), darbtejn fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja.

Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li jkun rivedibbli kull sena.

Il-fondi allokati għall-funzjonijiet speċifiċi għandhom jintużaw għall-għan li għalih qed jingħataw.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jistax jonfoq mod ieħor l-allokazzjoni jekk mhux bl-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali wara li tintbagħat talba u raġuni dettaljata.

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI 2023**

**KUNSILL LOKALI: L-Iklin**

| Funzjonijiet | Allokazzjoni € |
|---|---|
| **L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att** | |
| 1. **Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Gonna | 3,891 |
| Fondi għal-Latrini Pubbliċi | 0 |
| 2. **Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq: | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 54,331 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 13,010 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 36,750 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 5,782 |
| 3. **Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 57,835 |
| *Waste Tipping Fees* | 19,397 |
| 4. **Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 123,215 |
| **Fond ta' Aġġustament (jekk japplika)** | |
| I. Fond għal Żoni Turistiċi | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| III. Fond biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000 | 3,476 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **TOTAL** | **317,687** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2022 mqabbla mas-sena 2023, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur5,000.00 li jfisser żieda ta' 1.6% perċentwali.

Il-Gvern Lokali – Kunsill Lokali L-Iklin, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill għandu jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt

Matul is-sena 2023, il-ħruġ (expenditure) tal-Kunsill kien jinkludi l-Personnel Emoluments li ċ-ċifra telgħet għal Eur108,258.00K, l-Operations & Maintenance l-ispiża telgħet għal Eur142,459.00, l-Administration Costs l-ispiża telgħet għal Eur173,867.00. Mir-rapport finanzjarju joħroġ ukoll li ċ-ċifra tad-deprezzament telgħet għal Eur28,837.00k. Meta wieħed iħares lejn il-Profit & Loss għas-sena 2023, il-Kunsill spiċċa b'defiċit ta' Eur(13,722.00). Id-deprezzament fuq *Property, Plant & Equipment* laħqet is-somma ta' Eur28,837.00.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| | | | | | ID-DISA KUNSILL | 2023 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FARRUGA BERNICE | ZAMMIT EMANUEL | CATANIA GODWIN |
| 55 | 19/01/2023 | Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 56 | 16/02/2023 | Ħamis | IVA | IVA | assenti b'apoloġija | IVA | IVA |
| 57 | 16/03/2023 | Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 58 | 13/04/2023 | Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 59 | 10/05/2023 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 60 | 08/06/2023 | Ħamis | IVA | IVA | assenti b'apoloġija | IVA | IVA |
| 61 | 17/07/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | assenti b'apoloġija |
| 62 | 21/08/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 63 | 18/09/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 64 | 16/10/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 65 | 13/11/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 66 | 04/12/2023 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

Bejn Jannar u Diċembru 2023, il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment (12) -il darba. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku ġenerali. Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo attendiet s-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Bernice Farrugia attendiet (10) seduti u kienet assenti b'apoloġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Emanuel

Zammit attenda għas-seduti kollha filwaqt li l-Kunsillier Godwin Catania attenda għal (11) il-seduta u kien assenti b'apoloġija seduta waħda.

Il-Kunsill kompla jaħdem fuq it-tajjeb ta' leġiżlaturi preċedenti filwaqt li l-prijorità tal-Kunsill kienet iffukata fuq ir-riġenerazzjoni tal-pjazza fejn dan il-proġett propost baqa' jiġi diskuss, modifikat u irfinat flimkien mall-Perit tal-Kunsill biex ikun massimizzat l-ispazju kollu li hemm inkluż il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill b'mod li ma jimpattax b'mod negattiv l-ispazju tal-madwar.

Sena wara oħra, il-Kunsill jibqa jiffaċċja l-isfidi fejn jidħol l-iżvilupp fil-lokalità. Bħala Gvern Lokali, permezz tal-Konsulent tal-Kunsill, dejjem attent fuq kull applikazzjoni li tiġi sottomessa fl-Awtorità tal-Ippjanar biex naraw li tali żvilupp isir skont policies ta' Central Malta Local Plan. Huwa stat ta' fatt li minkejja li l-Kunsill tgħaddi l-pariri tagħha lill-Awtorità tal-Ippjanar fuq permessi ġodda għall-iżvilupp, d-deċiżjoni finali tibqa f'idejn l-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant l-iżvilupp li qed naraw fl-Iklin mhux dejjem jirrifletti l-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill se jkompli jsegwi l-applikazzjonijiet għall-permessi tal-iżvilupp biex jaqdi d-dmirijiet u d-doveri tiegħu fl-aħjar interess tal-lokal.

**Servizzi Kuntrattwali**

F'Novembru 2022 il-Kunsill Lokali L-Iklin iffirma Memorandum of Understanding mall-Cleansing Department dwar is-servizz tal-indafa pubblika fit-toroq biex jiżdied u jitjieb il-livell tas-servizz. Dan wara li l-Kunsill Lokali L-Iklin ottjena l-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-ftehim daħal fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2023 għal perjodu ta' sitt (6) xhur bil-possibiltà li jiġġedded bil-ftehim taż-żewġ partijiet.

Fit-2 ta' Jannar 2023, il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku u dak organiku ittieħed minn idejn il-Kunsill Lokali L-Iklin u mar fuq bażi Reġjonali. Waħda mir-raġunijiet jew fattur ewlieni dwar dan is-servizz kien sabiex jitħaddem il-kunċett tal-*economies of scale*. Ma kenitx deċiżjoni tal-Kunsill iżda kien parti minn pjan nazzjonali fejn permezz tal-Kunsilli Reġjonali, ħarġet sejħa pubblika għall-akkwist biex dan is-servizz ikun amministrat mill-Kunsill Reġjonali Lvant fil-każ tal-lokalità tal-Iklin. Il-kuntrattur li rebaħ l-akkwist huwa Galea Solutions u ġiet stabbilita skeda għall-immaniġġjar tal-iskart għal Malta u Għawdex kollu. Il-Kunsill Lokali L-Iklin ser jibqa jagħmel il-monitoraġġ tas-servizz u ser jibqa jgħaddi l-pagamenti lill-Kunsill Reġjonali Lvant għal dan is-servizz. L-allokazzjoni finanzjarja għal dan is-servizz partikolari għaddiet xorta waħda lill-Kunsilli Lokali. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun jista jżomm il-pagamenti f'każ ta' nuqqasijiet mill-obbligi kuntrattwali.

**Infrastruttura**

Mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, l-attenzjoni tal-Kunsill baqgħet ukoll iffukata fuq l-infrastruttura tal-lokal u fil-limitazzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill, frott l-għaqal ta' Kunsilli preċedenti, u relazzjonijiet b'saħħithom mal-Aġenziji tal-Gvern, il-Kunsill kemm bil-fondi tiegħu u b'għajnuna diretta mill-

Aġenzija Infrastructure Malta, għalaqna numru ta' proġetti ambizzjużi li kienu fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill. Infakkar li bdejna bix-xogħol ta' asfaltar f'parti minn Triq San Mikiel b'fondi tal-Kunsill u saret korrezzjoni fil-wiċċ difettuż tat-triq li kienet saret perikoluża ferm għas-sewwieqa mad-dawra ta' round-about eżistenti li tmiss ma' Triq Ġeronimo Abos, l-asfaltar u servizzi ġodda fi Triq il-Prinjol, l-asfaltar ta' Triq il-Bruka, Sqaq il-Ħwawar, Triq il-Wied u riċentement parti minn Triq Erin Serracino Inglott.

**Pjan ta' Ħidma 2023-2025**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin laqa' bi pjaċir il-pjan ta' ħidma mnedija mill-Aġenzija Infrastructure Malta dwar titjib fl-infrastruttura fil-lokalità tal-Iklin. Il-Kunsill ħabbrek mhux ftit biex jiltaqa' mal-Aġenzija IM biex nikkordinaw dawn il-proġetti.

F'seduta tal-Kunsill kien ġie deċiż it-toroq residenzjali li kellhom bżonn titjib fl-infrastruttura u fl-immedjat ġie kkummissjonat il-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi sottomessa lista ta' toroq residenzjali proposti mill-Kunsill u l-informazzjoni mitluba kif jidher hawn taħt:

1. Triq Ġużè Pesci/Triq Mons. P.P. Saydon/Trejqet il-Poeti/Triq Alfons Maria Galea
   Entire Length of the Road: c. 340m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,500 sqm

2. Triq Stefano Erardi
   Entire Length of the Road: c. 295m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,940 sqm

3. Triq il-Ħarruba/Triq il-Plejju
   Entire Length of the Road: c. 530m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 5,310 sqm

4. Triq il-Klin bejn Triq in-Naxxar u Triq Ġeronimo Abos Entire Length of the Road: c. 290m -
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,796 sqm

F'Ġunju ħarġet l-ewwel *Letter of Acceptance* biex il-kuntrattur appuntat mill-Aġenzija IM tibda l-proġett ta' Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P. P. Saydon, Trejqet il-Poeti u Triq Alfons Maria Galea.

Din l-infrastruttura ġdida fid-diversi toroq tal-Iklin ċertament ser tagħti kwalità ta' ħajja ferm aħjar lill-komunità ta' dan il-lokal. Dan se jkun qed ifisser xogħol impenjattiv partikolarment għall-Uffiċċju Amministrattiv biex flimkien mas-Sindku nattendu għal-laqgħat, *site-meetings*, u laqgħat mar-residenti.

**Proġett għal titjib fil-playing field b'apparat ġdid u inklussività**

Il-Kunsill kien applika għal skema biex jikseb fondi għal titjib fil-playing field. Matul din is-sena l-playing field ġie mgħammar f'cctv u fejn il-Kunsill introduċa *sail shades* biex it-tfal ma jkunux esposti għall-elementi partikolarment fix-xhur iebsin tas-sajf. Issa l-playing field ġiet rinnovata bl-aħjar equipment, equipment inklussiv, kenni mill-elementi, u sorveljat 24/7 permezz ta' CCTV. Fadal biss il-manutenzjoni tal-gazebo biex jiġi konkluż il-proġett.

**Iklin Community Study**

Matul din il-leġiżlatura, il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu jinvesti fi studju xjentifiku biex ikollu stampa reali u jfassal il-politika tiegħu fuq dak li jinħass tassew bħala prijorità għal-lokal tal-Iklin. Dan l-istudju sar mal-Universita ta' Malta mall-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà biex seta jsir Needs Analysis biex ikunu identifikati l-bżonnijiet li verament teħtieġ il-komunità tal-Iklin.

Il-Professur Andrew Azzopardi faħħar ukoll din l-inizjattiva tal-Kunsill u qal li kien ta' pjaċir u sodisfazzjon tiegħu li kien ser jaħdem flimkien mas-Sindku u l-Kunsillieri matul dan il-vjaġġ li wassal prodott riċerkat biex il-Kunsill jaħdem fuqu fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill kien kommess li dak li ġie dokumentat fuq il-karta jibda jiġi implimentat u l-ewwel waħda minn serje ta' inizjattivi li ħa l-Kunsill kien li jaħdem fuq inizjattiva ambjentali bix-xiri ta' *passenger car* li taħdem bl-elettriku biex il-Kunsill jibda jipprovdi servizz tat-trasport immirat għall-anzjani fil-komunità. Il-Kunsill applika għal skema sabiex jikseb il-fondi meħtieġa biex ikun jista jattwa dan il-proġett.

Fuq dan l-aspett ambjentali, il-Kunsill kien mistieden mill-Environment and Resources Authority biex bħala *key air quality stakeholder*, il-Kunsill jissottometti l-kummenti tiegħu anke b'suġġerimenti dwar miżuri prattiċi li jistgħu jiġu mplimentati proprju 'the intent and objectives of the Air Quality Plan.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ħareġ saħansitra fil-pubbliku permezz tal-midja fuq din il-kwistjoni għaliex irid jassigura li dawn l-irwejjaħ mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-familji Ikliniżi, u li jaċċerta ruħu li l-arja fuq dan il-lokal ma jikkontjenix sustanzi li jistgħu jipperikolaw ħajjet ir-resident. Ir-resident għandu d-dritt ikun jaf li mhux qed jgħix f'ambjent ta' periklu. Din l-assigurazzjoni tista ssir billi jkun regolat l-operat minn dawn is-siti industrijali u li jkun hemm monitoraġġ regolari inkluż testijiet tal-kwalità fl-arja, speċjalment l-aktar f'dawk is-siti li huma qrib ir-residenti.

F'Ottubru, is-Sindku Dott. Dorian Sciberras kien sejjaħ laqgħa straordinarja għar-residenti kollha biex jiġi ppreżentat l-istudju xjentifiku li kien ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali L-Iklin f'Lulju dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin. Għal min kien preżenti għal din il-laqgħa, is-Sindku kien stieden lil Dr. Robert Cortis li huwa espert f'dan il-qasam biex jispjega r-rapport fid-dettal, l-analiżi u r-riżultati li ħarġu minn dan ir-rapport.

Is-Sindku Dott. Sciberras ippropona li jinħatar Kumitat ad hoc bl-ideja li dan il-Kumitat taħt l-umbrella tal-Kunsill jibqa jmexxi dan il-każ quddiem l-ogħla awtoritajiet konċernati bit-tama li jinstabu soluzzjonijiet biex nipproteġu s-saħħa tal-komunità kollha tal-Iklin.

Għas-sodisfazzjon tar-residenti li ma kienux preżenti fil-laqgħa li nżammet f'Ottubru, il-Kumitat kien kompost minn dawn is-sinjuri li aċċettaw din l-istedina. Is-sinjura Jenny Stivala, Colin Micallef, Steve Mc Carthy, Keith Farrugia u Dott. Dorian Sciberras bħala *chairman* ta' dan il-Kumitat.

Inżammet l-ewwel laqgħa mall-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Dott Janice Chetcuti u l-Onor. Julie Zahra nhar 18.10.2023 – Din il-laqgħa inżammet fil-Parlament fis-6.30 p.m. Matul din il-laqgħa, is-Sindku u l-membri tal-Kumitat esprimew il-konċernament tas-sitwazzjoni fl-Iklin dwar l-irwejjaħ tossiċi u r-riperkussjonijiet li jistgħu iħallu fuq is-saħħa tal-persuna. Is-Sindku ippreżenta wkoll kopja tal-istudju xjentifiku flimkien ma' dokumenti rilevanti oħra. Kienet laqgħa kordjali u l-Onorevoli Buttiigieg, Chetcuti u Zahra ikkommettew rwieħhom li kienu ser jippreparaw numru ta' mistoqsijiet Parlamentari lill-Ministri responsabbli.

Laqgħa tal-Kumitat ad hoc inżammet nhar it-30.10.2023 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bħala follow-up meeting u deċiżjoni li l-Kunsill jitlob għal servizz ta' Avukat biex jassisti lill-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Minn din il-laqgħa ħarġet il-proposta li jsir crowd-funding biex il-Kunsill ikun jista jħallas l-ispejjeż għall-pariri legali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb jipprepara ittra biex tintbagħat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal direzzjoni fir-rigward ta' proċeduri finanzjarji.

Laqgħa mall-Onor. Ministru Dott Miriam Dalli nhar is-06.11.2023 - Inżammet fil-Ministeru fil-belt Valletta. Preżenti għal din il-laqgħa kienu s-sinjuri Dott. Dorian Sciberras, Etienne Montfort, Steve McCarthy, Colin Micallef, Jenny Stivala, Keith Farrugia. Il-Ministru kienet ċara fil-komunikazzjoni tagħha u kkonkludiet li din il-kwistjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-ERA. L-Onor. Ministru impenjat ruħha li tagħmel l-arranġamenti lill-Kumitat biex jiltaqa' fl-iqsar żmien ma' CEO tal-ERA biex tiġi indirizzata din il-materja u jinstabu soluzzjonijiet.

Online meeting mal-Avukat Claire Bonello nhar 06.11.2023 fejn is-Sindku għadda l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Avukat biex tassisti lill-Kunsill f'din il-kawża.

Dott Dorian Sciberras offra s-servizz professjonali tiegħu mingħajr ħlas biex jipprepara l-affidavits 23.11.2023 – 20.11.2023 - 30.11.2023 – 11.12.2023. Numru ta' residenti ressqu quddiem in-Nutar Pubbliku Dott. Dorian Sciberras biex jagħtu l-fatti personali dwar l-impatti negattivi fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom permezz ta' affidavit.

Laqgħa mas-CEO Kevin Mercieca (ERA) Environment and Resources Authority nhar il-05.12.2023 Ironikament, l-Awtorità talbet għall-istudju xjentifiku li ġie kkummissjonat mill-Kunsill. Proprju matul din il-laqgħa, is-CEO Mercieca informa lill-preżenti li l-Awtorità ma kellhiex qafas legali biex tirregolarizza u tinforza lil din l-industrija. Informa wkoll li l-impjanti tat-tarmac m'għandhomx Environmental Permit. Min-naħa l-oħra, is-CEO tal-ERA stqarr li l-Awtorità kienet għamlet numru ta' spezzjonijiet u dan l-aħħar istallat *monitoring stations* biex tiġi analizzata l-kwalità tal-arja fil-viċinanzi tal-impjant.

Laqgħa mas-Sinjura Angela Portelli - Assistant Director Governance Action Directorate Implementation Division nhar l-14.12.2023 - Inżammet f'Uffiċċju fi Triq Żakkarija l-belt Valletta fl-4.00p.m. –

*Ombudsman interim opinion - Conclusions & Recommendations*

*This investigation found that a report commissioned by the ILC in relation to an asphalt plant operation found a breach in the ambient air quality. Although this report does not attribute this breach to the same operation, it is evident that this Information was not reported to the relevant Authority and that similar plants are not regulated through proper environmental permitting regulations.*

*It is being recommended that:*

*The Iklin Local Council shares the results of the commissioned report with ERA for proper action in this regard;*

*ERA proposes specific regulations related to asphalt plants to the Minister responsible for the Environment;*

*As this is only a partial opinion, all the entities concerned (ERA, SPH, ILC, Ministry and CMP) may submit further comments within one month before the Commissioners issue the Final Opinion.*

Tweġiba tal-Kunsill Lokali L-Iklin lill-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' nhar il-15.12.2023 kienet tgħid illi '*The Iklin Local Council is grateful for the interim decision and recommendations of the Office of the Ombudsman.*

*The Iklin Local Council has met ERA on the 5th December 2023 and participated in the meeting set up by Mr Oreste Cassar DG, in which meeting there was also the presence of important stakeholders such as ERA and Department of Health.*

*Whereas ERA was aware of the findings of the report commissioned by the Iklin Local Council, the Local Council confirms that it has since provided a copy of the same report to ERA.*

*The decision of the Ombudsman sustains the main argument of the Local Council and the iklin residents that an authority such as ERA has to investigate the situation and if it is inhibited through some form of legal impediment to act, the same authority should propose ways to overcome these hurdles, such as through a legal notice. Unfortunately we feel that the relevant* authorities are interpreting their responsibilities too strictly to the letter of the law without giving any importance to the spirit of the same laws - most importantly the protection of the citizen, leaving the same citizen with closed doors and no one to turn to.

It would be certainly comforting to the citizen that instead of highlighting the deficiencies in the system, authorities such as ERA and/ or the government should engage experts in the sector, preferably foreign experts to eliminate potential conflict of interest, to assess:

i) whether the tarmac plant is abiding by any related EU directives on air quality;

ii) to provide a professional air quality assessment for a minimum period of one year;

iii) whether the necessary mitigation measures required by such tarmac plant is adhered to;

iv) and give recommendations on how these tarmac odours are to be eliminated with immediate effect.

Ombudsman - Commissioner for Environment and Planning - Commissioner for Health ta' nhar it-18.12.2023 - *Reference is being made to ERA's extension request for the reply to the Commissioners' interim opinion after ERA received from the Iklin Local Council its commissioned report only recently.*

*The date in terms of Article 22 of the Ombudsman Act is being extended to 8 January 2024.*

Matul l-aħħar kwart tas-sena 2023, kif stajtu tinnutaw, il-Kunsill kien impenjat b'serje ta' laqgħat ma' *stakeholders* differenti biex nindirizzaw din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill huwa kommess li jkompli bil-ħidma tiegħu fis-sena l-ġdida bit-tama li tidħol fis-seħħ leġiżlazzjoni dwar din l-industrija biex dawn l-impjanti jkunu regolati.

**Proġett Anzjanità Attiv**

Fadal ħafna xogħol x'isir jew li jrid jitkompla anke l-ħsieb tal-proġett Anzjanità Attiv li se jkun qed isir b'mod konġunt mall-Kunsill ta' Ħal Balzan taħt il-kura tal-Active Ageing and Community Care. L-ideja hija li l-Kunsill jipprovdi s-Sala u l-Active Ageing and Community Care jipprovdu persuni professjonali biex l-anzjani tagħna u dawk ta' Ħal Balzan ikollhom l-opportunità li jibdew jiltaqgħu għal attivitajiet soċjali. Dan għaliex il-Kunsill jemmen li tista tissaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali. Matul din is-sena, il-Kunsill, wara li rebaħ l-appell, ottjena l-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar biex ikompli bir-rinnovar tas-Sala biex ikun jista jiġi varat dan il-proġett. Dan biex ikun hemm inklużjoni u aċċess għal kulħadd.

**L-attività kulturali 'Festa Fjuri 2023**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin tella l-edizzjoni Festa Fjuri 2023.

Din l-attività inżammet nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2023 fi Triq Anton Buttigieg u Pjazza Ninu Cremona, L-Iklin (fit-triq tal-Knisja Parrokkjali Familja Mqaddsa) bejn l-0900hrs u l-1400hrs.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin welled din l-ideja mill-isem li ġġib din il-lokalita 'L-Iklin' (Rosemary) li hija x-xitla jew aħjar ħaxixa aromatika li f'Malta tikber faċilment u nsibuha f'diversi nħawi, nkluż fl-Iklin. Din ix-xitla għandha l-benefiċċji tagħha għaliex għandha użu mal-ikel u x-xorb apparti li minn din ix-xitla jsiru wkoll żjut naturali. Xi xarba klin ma tonqos ukoll minn *stand* li ser ikun armat mill-Kunsill biex iservu *rosemary drink tasting, fruit cake,* u frott biex il-Kunsill jippromwovi 'a healthy lifestyle'.

L-attività kienet immirata għall-familja kollha u l-istedina kienet miftuħa primarjament għar-residenti tal-lokal u l-pubbliku nġenerali biex jattendi għal din l-attività. Ipparteċipaw numru ta' *stands* armati bi fjuri friski, xtieli, u ħwawar matul il-ġurnata.

Matul din l-attività, ġew organizzati sezzjonijiet differenti li kienu jinkludu *public talks* dwar suġġetti varji relatati man-natura u diskussjonijiet oħra interessanti minn kelliema kompetenti fosthom Alfred Baldacchino, Dr. Antoine Vella, Jeffrey Sciberras minn Nature Trust Malta, l-aromaterapista Pauline

Attard u Carmen Tedesco li trattaw suġġetti dwar siġar Maltin, siġar tal-frott fil-Ġnien, l-ekoloġija lokali, il-kunċetti wara l-produzzjoni tal-ikel imsejjaħ organiku, riċetti, u anke dwar ġonna pubbliċi.

Parteċipi kienu l-għaqdiet tal-lokal Iklin Scout Group u lil Lija/Iklin Football Youth Academy fejn tellgħu numru ta' attivitajiet.

Parteċipi kienu wkoll Ambjent Malta, Project Green, MOVE for Trees, ERA, il-Malta Organic Agriculture Movement MOAM, Water – Be the Change u l-Community Police Team.

Bħala għan nobbli, il-Kunsill stieden lid-Dar tal-Providenza biex jieħdu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena billi tellgħu stand bil-fjuri, ħwawar u xtieli.

Ittellgħet sezzjoni għall-kreattività bit-tema 'Rokna għall-artisti' fil-ġnien Ninu Cremona fejn numru sabiħ ta' artisti fil-maġġor parti minn din il-lokalità esibixxew l-arti tagħhom u pittru xi xenarji relatati man-natura fuq il-post.

Ġiet mistiedna il-Banda San Pio X ta' Ħal Lija biex tferraħ il-pubbliku bil-marċi u mużika allegra matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu filwaqt li ġew mistiedna żewġ kumpannija taż-żfin mill-gżira ta' Għawdex fejn taw spettaklu għall-ħabta tan-1230pm. Mis-1.30p.m. 'il quddiem, ir-residenti kollha tal-Iklin kienu mistiedna biex jiġbru s-sehem tagħhom ta' xitel tal-petunia ddekorati fi Triq Anton Buttigieg. L-iskop wara d-distribuzzjoni tax-xitel kien sabiex ir-residenti jħawwlu dan ix-xitel u jżejnu l-parapetti, ġonna, galleriji u aperturi tar-residenzi tagħhom biex il-lokalità tal-Iklin tiffjorixxi.

L-edizzjoni Festa Fjuri 2023 kienet suċċess għaliex il-konkorrenza kienet waħda aċċettabbli.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time 30hrs per wk. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem ta' ERL Ltd assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Għandna wkoll tliet impjegati tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjati mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2023, il-Kunsill Lokali irċieva (433) ilmenti li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali, ilmenti dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, indafa pubblika, u ilmenti oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (315) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi (118) bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment. Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ndirizzati.

Il-ġabra ta' informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill turi kif fis-sena 2023, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-entitajiet varji bħal Enemalta, WSC, Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Infrastructure Malta, ERA, l-Aġenzija LESA, MCA, Building and Construction Authority, service providers GO plc, Melita plc, Public Cleansing Department, CPD, Animal Welfare, u d-Dipartiment tas-Saħħa. L-ilmenti telgħu għal (433) fejn (315) ġew solvuti a sodisfazzjon tal-klijent u baqa' (118) ilment pendenti.

Skont l-istatistika li nġabret mis-sistema tal-online permit system, il-Kunsill Lokali ħareġ (1,351) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (62) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali (29) permessi għal xogħlijiet ta' trinek, (7) permess għal depożitu ta' materjal tal-bini jew oġġetti fit-triq, u depożitu ta' containers fuq it-triq (147), twaqqif ta' posti jew kiosks (35), permess ta' tower crane (nil), permessi għal divertiment okkażjonali (6), depożitu ta' stekkat boundary wall (2).

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u jservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2023**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur120,250.20c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,364.49c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur12,844.59c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | 0 balance |
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur718.89c |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur6,042.77c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur8.86c (Ecommerce Merchant Account) |

| | | |
|---|---|---|
| Central Bank of Malta | Savings: | Eur9,858.84c |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Niirringrazzja lis-Sindku Dott Dorian Sciberras tal-koperazzjoni u l-impenn sħiħ tiegħu lejn din il-lokalità. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri kollha tal-impenn sħiħ tagħhom għaliex huwa Kunsill li jaħdem b'mod kollettiv għall-ġid komuni tal-lokalità.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità.

IFFIRMAT

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

29/03/2024

IFFIRMAT

Dott Dorian Sciberras

Sindku